MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF

### JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2014

Citazzjoni Numru. 861/2013

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**Christopher Carabott**

**(K.I numru 250371 (M))**

**Il-Qorti ;**

Rat ir-rikors guramentat ta' Romuald Attard ghan nom u in rapprezentanza tas-socjeta' rikorrenti Bank of Valletta p.l.c. tas-6 ta' Settembru 2013 li jaqra hekk:

*"Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt, in atti n-Nutar Dotoressa Sandra Bugeja datat 2 ta' Gunju 2006 (Dok. "A") is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajta bankarja lil Christopher Carabott.*

*Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Christopher Carabott fis-somma ta'sitta u ghoxrin elf, erba' mija wiehed u tletin Ewro u erbgha u sittin centezmu (€26,431.64) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Christopher Carabott mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok."B1" sa "B4"), flimkien mal-imghax ulterjuri mill-14 ta' Awissu 2013 sad-data ta' l-effettiv pagament.*

*Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn ezebiti bhala Dok. "A"), partikolarment imma mhux esklussivament , billi Christopher Carabott:*

(a) *Naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt;*

(b) *Kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt, u/jew ;*

(c) *Hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Christopher Carabott li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.*

*Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.*

*Illi l-konvenut Christopher Carabott gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 14 ta' Settembru 2012, li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u mmarakta Dok "C", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa' inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu l-konvenut ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti Tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici li qeghda hawn titlob li Din il-Qorti Joghgobha:*

1. *Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt imsemmi (u hawn ezebit bhala Dok "A"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Christopher Carabott:*

(a) *Naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt;*

(b) *Kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt, u/jew ;*

(c) *Hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Christopher Carabott li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici;*

2. *Tikkundanna lil Christopher Carabott jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta'sitta u ghoxrin elf, erba' mija wiehed u tletin Ewro u erbgha u sittin centezmu (€26,431.64) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Christopher Carabott mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok."B1" sa "B4"), flimkien mal-imghax ulterjuri mill-14 ta' Awissu 2013 sad-data ta' l-effettiv pagament*

*Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 14 ta' Settembru 2012 (Dok."C"), kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjeta' rikorrenti u l-elenku ta' dokumenti ezebiti mar-rikors mahluf;

Rat illi ir-rikors guramentat u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-, intimat, permezz tal-procedura tal-affissjoni, fit-22 t' Ottubru 2013, u bil-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern fil-25 t' Ottubru 2013 u fil-Gazzetti Lokali fit-30 Ottubru 2013;

Rat in-nota t'**ammissjoni** ta' Christopher Carabott datata 25 ta'Novembru 2013

Rat l-atti kollha tal-kaz;

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti rat u ezaminat il-provi dokumentari prodotti mill-bank attur u cioe' Dok. A – kuntratt f'Atti tan-Nutar Dr. Sandra Bugeja li permezz tieghu l-intimat gie moghti facilita' bankarja ghas-self hemm indikat, Dok. 1A a fol. 8 *Events of Default*, l-*Istatement of Account* b'interess semplici ta' anqas minn tmienja fil-mija (8%) – vide Dok. B1 sa B4, l-ittra ufficjali Dok. C a fol 14.

Dawn il-provi ma huma bl-ebda mod kontradetti anzi jirrizulta illi l-konvenut, permezz tan-nota tieghu tal-25 ta'Novembru 2013– (vide fol 31), ammetta t-talbiet tal-bank attur.

**Ghal dawn il-mottivi , l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tal-bank attur, bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba kontra l-intimat Christopher Carabott.**

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------